*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 54

It-Tnejn 13 ta' Marzu 2023

Il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 6:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Joseph Abela Galea – Sindku
Darlene Vella Zammit – Viċi Sindku
Neil Portelli – Kunsillier
Thomas Debattista – Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier
Ismael Dalli – Kunsillier

ASSENTI:
Anabelle Marmara' – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **54.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 54.1.1 | Il-Laqgha tal-Kunsill Lokali bdiet fis-18.15pm ghax ma kienx hemm *quorum*. |
| 54.1.2 | Ma kienx hemm. |
| **54.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 54.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 53 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 54.2.2 | Is-Sur Thomas Debattista ppropona u s- Sur Neil Portelli ssekonda l-minuti tas-Seduta numru 53 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **54.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 54.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li f'Hadd il-Palm hemm stedina fil-5.30pm u se jkun qed jibghat kopja tal-invit. |
| 54.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li se jkun hemm wirja ohra fir-*Reach Out Centre- Community Hall*. Is-Sindku staqsa l-Kunsilliera jekk jaqblux li r-*Reach Out Centre- Community Hall* tinghatax lill-persuna responsabbli mill-wirja gurnata qabel f'kaz li jirnexxielu jirranga mal-qassis sabiex il-korsijiet jinzammu temporanjament is-Sala Kristu Rxoxt. |
| 54.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-attivita` ta` Hamis ix-Xirka qed jahdem fuqha. |
| 54.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li flimkien mall-Kunsilliera s-Sur Thomas Debattista u s-Sur Neil Portelli ltaqgha mal-*engineer* imqabbad ghall-progett tal-pjazza. Is-Sindku spjega li l-*engineer* qed jissugerixxi *beams* ghad-dawl u mhux stil ta` fanali antiki. Is-Sindku qal li l-progett tal-pjazza huwa prevvist li jibda` wara Lulju pero` jekk ikun hemm xi xoghol li jistgha jinbeda wara l-Knisja jistgha jsir bilmod. Is-Sindku nforma l-Kunsilliera li fit-Triq Paola se jinbidel il-*main* tad-dawl pero` dejjem wara Lulju. |
| 54.3.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li qed jistenna risposta minghand il-BCRS sabiex tinzamm laqgha u jigi propost biex tigi nstallata magna ohra. |
| 54.3.6 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-gabra tal-affarijiet ghan-nies tat-Turkija irnexxiet u f'isem il-Kunsill Lokali rringrazzja l-FX garage li offrew van kbir sabiex jingarru l-affarijirt. |
| 54.3.7 | Is-Sindku staqsa l-Kunsillier s-Sur Neil Portelli sabiex jaghti nformazzjoni fuq il-laqgha ta` kjarifikazzjonijiet ghal *bidders* li attenda mal-Perita fuq it-*Tender* tal-5 *aside ground*.<br><br>Is-Sur Neil Portelli wiegeb li l-ebda` *bidder* ma attenda ghall-laqgha imma flimkien mal-Perita ghamel 45 minuta fuq il-post. |



*MAYOR - JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR - DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS - NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY - EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku qal li la l-ebda` *bidder* ma attenda jidher li ma kienx hemm ragunijit fuqhiex jistaqsu. |
| 54.3.8 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li s-*sleeping police* li ntalbet ghadhom qed jghamluwa u s-*sleeping police* ta` Triq San Anard qieghda ghandu. |
| 54.3.9 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-mera ta` Triq Santa Marija giet installata. |
| 54.3.10 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li tnejn mill-haddiema assenjati qieghdin jaghmlu r-rotta bil-van tal-anzjani filwaqt li haddiem iehor se jkun responsabbli mill-5 *aside ground* meta jkun lest ghaldastant issugerixxa li jidhol haddiem iehor minhabba li hemm hafna xoghol xi jsir fuq barra. Is-Sindku qal li hemm individwu li qieghed mal-haddiema assenjati f`post iehor u gie jkelmu sabiex jidhol jahdem mal-Kunsill u talab l-approvazzjoni tal-Kunsilliera. Is-Sindku spjega li la tintranga l-letrina se jkun hemm bzonn ta` haddiem assenjat iehor ukoll. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-haddiem jigi assenjat mal-Kunsill Lokali. |
| **54.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 54.4.1 | Ma kienx hemm. |
| **54.5** | **Rapporti** |
| 54.5.1 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera prezenti li trid issir il-laqgha annwali generali u ppropona li tinzamm flimkiem mal-laqgha tal-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-laqghat jinzammu nhar l-Erbgha 12 ta` April 2023, fil-5.30pm tinzamm il-laqgha tal-Kunsill u fis-7.30 tinzamm il-laqgha annwali generali. |
| 54.5.2 | Is-Segretarju Ezekuttiv talbet permess lis-Sindku sabiex taqra ittra ndirizzata lila minghand il-kumitat tal-festa Marija Annunzjata fejn gie mitlub li jitnehhew xi parkeggi minhabba li l-mhux qed ikunu jistghu jaccessaw il-mahzen taghhom. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li ghall-festa l-Kunsill Lokali se jkun qed jghin l-ghaqda bit-tabelli tan-*no parking* u l-barigardi u sabiex ikunu jistghu jitnehhew il-kaxxi l-bojod l-għaqda trid tibgħat applikazzjoni lil Transport Malta flimkien ma` *site plan* li trid timtela minn Perit. |
| 54.5.3 | Is-Segretarju Ezekuttiv nforma lill-Kunsilliera rigward korrispondenza li saret mill-iskola ta` St Thomas Moore fejn infurmaw lill- Kunsill li resident kien oggezzjona ghall-bini li kien se jostakola xi djar fiz-zona l-antika` tal-lokalita` u anke l-iskola. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li r-resident jixtieq jiltaqgha mal-Kunsilliera sabiex jinghata l-ghajnuna ghax fetah kawza kontra l-kuntrattur u rebaha imma l-kuntrattur rega` appella. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsillera prezenti gie deciz li l-Kunsilliera s-Sur Neil Portelli, s-Sur Thomas Debattista u s-Sur Christian Pace jiltaqghu mar-resident u jiddiskutu. |

| | |
|---|---|
| 54.5.4 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li attenda ghall- kaz tal-Qorti fir-rigward tal-incident li sar fl-2019 fejn meta beda l-progett tal-*open air gym* waqghet sigra fuq karozza ta` individuwu. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-kaz ma nstemax sabiex il-kuntrattur responsabbli mix-xoghol tal-*open air gym* ikun prezenti u ghalhekk sar deferiment ghad-19 ta Mejju 2023. |
| **54.6** | **Mozzjonijiet** |
| 54.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **54.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 54.7.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li t-*Tender* tal-Bulky qed jigi evalwat u l-bord ta` bghat jistaqsi kjarifikazzjonijiet lill-*bidders*. |
| 54.7.2 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li l-*call for quotations tal-laptops* gie aggudikat u l-irhas *bidder* li hu the *notebook centre* kellu kollox konformi ghaldaqstant talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda` oggezzjoni f dan ir-rigward. |
| 54.7.3 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti li t-*Tender* tal-5 *aside ground* u t-*Tender* tal-*palk* u s-siggijiet se jinfethu fit 28 ta Marzu 2023 . |
| 54.7.4 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li t-*Tender* tat-tabelli u sinjali ghadu qed jigi processat. |
| ***Il-hin huwa is-19.00pm u dahal ghall-laqgha s-Sur Ismael Dalli.*** | |
| **54.8** | **Dawl Triq San Tumas** |
| 54.8.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li peress li n-nies gibdu l-attenzzjoni li Triq San Tumas hemm nuqqas ta` dawl kien qed jipproponi li l-bozoz jinbidlu f`LEDs u spjega li l-ispiza tammonta Eur2,400 bil- vat inkluz. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda' oggezzjoni f'dan ir-rigward. |
| **54.9** | **Inizjattiva ta` tindif ghall-klieb** |
| 54.9.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li peress li hafna residenti jilmentaw minhabba l-hmieg tal-klieb gietu l-idea li jintroduci inizjattiva ta` tqassim ta` boroz b`xejn ghas-sidien tal-klieb u spjega li 4,000 rollijiet tal-boroz ghall-sena se jiswew Eur1,416. Is-Sindku qal li peress li hemm nuqqas ta` *bins* tal-klieb xtaq ukoll li l-Kunsill jinvesti f `ghoxrin *bins* ohra li jammontaw ghall-Eur 2,500.96 u.Is-Sindku spjega li dan se jkun l-ewwel Kunsill li hareg b`din l-inizjattiva tat-tqassin ta` borz u spjega li kull min jigi jigbor il-boroz irid jipprezenta c-certifikat tac-cippa tal-kelb. Is-Sindku qal li kellem is-Segretaju Parlamentari tal-annimali fuq din l-inzjattiva u se joffru l-ghajnuna taghhom sabiex din tibqgha xi haga kontinwa. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| | Is-Sur Christian Pace qal li huwa mportanti li wara li ssir din l-inizjattiva ghandu jkun hemm infurzar.<br><br>Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li se jsiru wkoll tabelli fil-gonna u spjega li din l-inizjattiva se tigi ntrodotta Gimgha wara l-ghid il-Kbir. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ma nstabet l-ebda' oggezzjoni f'dan ir-rigward u sar qbil li l-infurzar ghandu jibda wara sitt xhur li tigi ntrodotta l-inizjattiva u ssir *byelaw*. |
| **54.10** | **Rapport tal-Kawza tal-Qorti** |
| 54.10.1 | Is-Sindku talab ghas-sentenza tal-kawza tal-Qorti tat-telefonata anonima li saret lill-Vici Sindku fil-konfront tas-Segretarju Ezekuttiv. Il-Vici Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv ipprezentaw rapport ta` kif inqghatet il-kawza fejn kien hemm imnizzel li kien hemm nuqqas ta` provi kontra min gie mressaq. Il-Vici Sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv irrimarkaw li ghal xi raguni jew ohra l-avukat li kellu jirraprezentom ma deherx quddiem il-Magistrat avolja kien il-qorti u ntbghatulu messaggi u telefonati biex ikun prezenti. Is-Sindku informa lill-Vici Sindku u lis-Segretarju Ezekuttiv li jrid is-sentenza tal-kawza u avza li tistgha tingabar mill-ghassa. |
| **54.11** | **Access tas-CCTV Cameras lis-Sindku** |
| 54.11.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li jrid li jkollu access ghal *cameras* tal-binja tal-Kunsill u s-sala tal-Komunita`. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li l-ewwel trid issir *policy* li tindika r-responsabiltajiet tal-access ghal *cameras* ghar-raguni li s-Segretarju Ezekuttiv huwa d-*data protection controller* tal-Kunsill u jgorr ir-responsabilta` tas-CCTV *cameras*. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li ssir il-*policy* u s-Sindku jinaghat access ghas-CCTV *cameras*. |
| **54.12** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 54.12.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali s-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 45/08) flimkien mal-lista tal- *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Frar 2022/Frar 2023, għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 54.12.2 | Fuq mozzjoni tas- Sur Christian Pace ssekondatata mis- Sur Ismael Dalli l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| **54.13** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 54.13.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-19.50p.m. wara li giet ezawrita l-Agenda u giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 12 ta' April 2023 fil-5:30p.m. |

Konfermati, illum 13 ta' Marzu 2023.

Joseph Abela Galea
Sindku

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv